# SERĦAN

O beraħ tax-xagħri li tgħaxxaq il-bniedem,
sbuħija tax-xtajta li tfarraġ il-qlub,
min jifhem dil-ħajja wil-ħlewwa li jġarrab,
fil-qiegħ tar-ruħ tiegħu kif jiġi midrub!

Midrub minn dil-qawwa tal-ħlewwa tal-hena,
li hawn biss tiġġarrab minn dan il-ħolqien,
li tiġri fejn tiġri qalb l-għaġeb tad-dinja,
sjufija tal-hena bħal din m'hemm imkien.

Jekk inti tkun doqtha xi drabi dil-ħlewwa,
xewqgħat bla ma jieqfu int tħoss ġewwa fik,
biex tgħix f'din il-ħajja ħafifa w-nadifa,
u teħles mit-toqol li d-dinja tgħabbik.

Tistħajlek qegħd timxi m'hux fl-art, iżda fl-arja,
u tħosshom jinxfulek il-ġwienaħ nedjin,
tistħajjel li ruħek trid tarfa' 'l dal-ġisem,
wit-tnejn għalanija jittajru ħenjin.

Mitluf f'din il-għaxqa fi dħul il-jum ħelu,
li għadu jitwieled fi ħdan it-tbexbix,
tad-dija tarija tax-xemx nofs moħbija,
imraxxa bin-nida sa fuq il-ħaxix.

Mat-tefgħa ta' riġlek minn għajr ma tintebaħ,
tkun tolqot is-sagħtar wil-plejju sabiħ,
w-erħilhom jagħmlulek bħal sħaba ma' dwarek,
ta' rwejjaħ ta' ħlejju jittajru mar-riħ.

Il-bilbla tilmaħħa mill-għoli tas-sema,
tgħannilek il-għanja li tħabbar is-sliem,
u tisma' l-għasafar w-is-sriep qegħ'd ipespsu,
u tara id-dwied l-oħra qegħ'd jirgħu bla kliem.

Fix-xagħri, fuq l-iġbla, f'widien jew fir-raba',
Ragħajja mimduda b'xi erba' ngħaġiet,
tmellislek xi nagħġa fissuda fi ħdanha,
u toqgħod tindokra n-ngħaġ l-oħra fis-skiet.

Fil-bogħod tisma' jidwi xi leħen ta' xbejba,
li turi l-ħsieb tagħha bil-għana sabiħ,
fil-waqt li tkun taħdem il-ħedma tas-saħħa,
għaddejja f'dil-ħajja li tati mistrieħ.

Daqqiet żagħżugħ tara f'xi trejqa ġor-raba',
għaddej qalb il-friefet b'żappun fuq spallejh,
isaffar il-għanja mal-leħen tax-xbejba,
mingħajr xejn ħsieb f'moħħu, jixdhulu ħaddejh.

U qalb dik il-ħdura ta' siġar li jsaħħru,
ma' ġenb xi nixxiegħa ta' l-ilma wisq bnin,
int' tilmaħ jixorbu xi ngħaġ u xi baqar,
imbgħad jinxteħtulek jixtarru w-reqdin.

Mal-ħlewwa taż-żiffa li titla' mix-xtajta,
titmewweġ il-ħdura jitbewwes il-ward,
b'kull lewn li jiżżewwaq ta' dehra li tgħaxxaq,
jagħmlulek bħal-lożor jinfirxu ma' l-art.

Imbgħad jekk int tersaq max-xtajta titlajja,
hemm tara l-mewġ ħelu jitbewwes mal-blat,
iressaq ir-riħa tal-ħxejjex u l-alka,
u jarġa' jmur lura bla xejn inkurlat.

U f'nofs dik it-trejqa li tifred il-baħar,
tad-dija bajdana li għada kemm tfiġġ,
tgħaddilek xi dgħajsa bil-qlugħ tas-sajjieda,
ħafifa, ħafifa tkun taqta' w-iżżiġġ.

Tixtieq kieku tiġbor il-ġmiel ta' da' l-ħlejjaq,
tixtieq kieku tara kull m'hemm ġo l-ilmiet,
u timraħ biex tferraħ lil qalbek xewqana,
u tinsa 'l-warrani kemm fih dlamijiet.

O beraħ tax-xagħri xtajtiet sbieħ tal-baħar,
ħalluni ngħix ħdejkom imqar għal ftit żmien,
jekk ngħaddi fi ħdankom il-jiem li bakagħli,
bil-ferħ ittir ruħi ma' ġmiel il-ħolqien.

**P. M.**